MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Mandat Numru. 788/2012/1

**Frances Agius (KI 401256M) u Pacifico Agius (KI 88458M)**

***kontra***

**Kummissarju tal-Artijiet**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fil-5 ta` Gunju 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimat milli –

*Jizgombra lir-rikorrenti mill-ghalqa u ambjenti li hija ghandha mir-raba` maghruf f` Ta` Burmarrad, registrat bhala Tenement No.358-14th Portion ta` cirka erbat itmiem u siegh li cirka tlett itmiem ossija 3407 metri kwadri*

*huma registrati fuq Frances Agius u l-bqija fuq ir-rikorrent Pacifico Agius.*

Rat id-dokumenti illi kienu esebiti mir-rikorrenti.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta` Gunju 2012 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, fejn ordnat in-notifika lill-intimat b`ghaxart ijiem zmien ghar-risposta u fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tat-18 ta` Gunju 2012 fid-09.15 a.m.

Rat li l-intimat kien notifikat fis-6 ta` Gunju 2012.

Rat ir-risposta tal-intimat li kienet prezentata fil-15 ta` Gunju 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, oppona ruhu ghall-hrug tal-mandat, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Semghet ix-xhieda ta` Martin Bajada fl-udjenza tat-18 ta` Gunju 2012..

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mill-intimat fl-istess udjenza.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn din il-Qorti halliet ir-rikors ghall-provvediment *in camera.*

**Ikkunsidrat :**

Kienu esebiti zewg skritturi ta` kirja : wahda mir-rikorrenti u l-ohra mill-intimat.

L-ewwel skrittura, dik markata Dok A u esebita mir-rikorrenti, iggib id-data tal-10 ta` Awissu 1976 (Dok A) u tghid illi l-intimat kien, b`effett mill-1 ta` Jannar 1975, qieghed jaghti b`kiri *in solidum* ma` ohrajn lir-rikorrenti Frances Agius ir-raba` maghruf bhala Ta` Burmarrad, limiti ta` Burmarrad, registrat bhala Tenement Numru 358-14th tal-kejl ta` erbat itmiem u siegh.

Mad-dokument li pprezentaw, ir-rikorrenti ma pproducewx pjanta.

It-tieni skrittura, dik markata Dok JA1 u esebita mill-intimat, iggib id-data tal-1 ta` Frar 2012 u tghid, illi taht l-iskema biex tinghata qbiela lil min qieghed hadem art agrikola, ir-rikorrenti Francesca Agius inghatat b`titolu ta` kirja ghal zmien sena mis-16 ta` Awissu 2000 raba` f` Ta` Burmarrad, Sqaq Off Ta` Burmarrad, San Pawl il-Bahar, skond pjanta li kienet annessa. Skond il-kuntratt, il-kirja kienet ta` ghalqa u ma kenitx tinkludi kmamar.

Mhux kontestat illi r-rikorrenti qeghdin jokkupaw il-kamra li hija ndikata fl-Ordni ta` Zgumbrament (Dok B a fol 5).

**Filwaqt illi jikkonferma illi hareg ordni ta` zgumbrament skond id-disposizzjonijiet tal-Kap.228 tal-Ligijiet ta` Malta (Dok B), l-intimat isostni illi dik l-ordni ma kenitx intiza biex tolqot il-pussess tar-rikorrenti ghar-rigward tar-raba`, propju ghaliex kien hemm lokazzjoni fis-sehh, izda kienet intiza <u>biss u unikament</u> biex tolqot id-detenzjoni da parti tar-rikorrenti ta` <u>kamra numru tlieta</u>, wahda minn tliet kmamar illi l-intimat kien ta b`titolu ta` *encroachment* lill-*Farmers` (Wine) Co-Operative Society Ltd.,* u li l-**

**intimat jikkontendi qeghda tkun okkupata mir-rikorrenti abbusivament u minghajr ebda titolu.**

Skond l-**<u>Art.873(1) tal-Kap.12</u>** –

*L-iskop tal-Mandat ta` Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Il-generalita` tal-kazi huma regolati bl-**<u>Art.873(2) tal-Kap.12</u>** li jaqra hekk –

*Il-Qorti **<u>m`ghandhiex</u>** tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.* (sottolinear u enfasi tal-qorti)

Fejn it-talba ghall-hrug tal-Mandat tkun qeghda ssir kontra l-Gvern inkella kontra xi awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni nkella kontra xi persuna b`kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha, (<u>bhal ma huwa l-kaz tal-lum</u>), iridu jigu sodisfatti r-rekwiziti tal-**<u>Art.873(3) tal-Kap.12</u>** li jaqra hekk -

*Il-qorti **<u>m'ghandha tohrog ebda mandat</u>** bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.* (sottolinear u enfasi tal-qorti).

**Ghall-fini tal-ewwel parti ta` dan is-subinciz tlieta (3), id-difensur tal-intimat ghamlet dikjarazzjoni fis-sens illi wara li fil-31 ta` Mejju 2012 hareg l-Ordni ta` Zgumbrament skond il-Kap.228, l-intimat kien sejjer jipprocedi bit-twettieq tal-ordni fir-rigward tal-kamra in kwistjoni li ma kienx ghall-fatt illi din il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti provizorjament.**

Ghalhekk, b`riferenza ghat-talba tar-rikorrenti kif dedotta, l-ewwel parti tas-subinciz tlieta (3) kien sodisfatt limitatament fejn si tratta tal-kamra numru tlieta (3) izda mhux ghar-rigward tar-raba`.

Wiehed mir-rekwiziti sabiex jintlaqa` l-hrug tal-Mandat huwa li r-rikorrent irid juri illi *prima facie* ghandu jedd.

Il-kwistjoni bejn il-partijiet tibqa` l-kamra numru tlieta (3).

Ir-rikorrenti jghidu illi l-kamra in kwistjoni taghmel parti mill-kirja tar-raba` taghhom minghand il-Gvern. Iz-zewg skritturi ta` kirja esebiti mhux hekk juru. Infatti ma jaghmlu l-ebda riferenza ghal xi kamra jew kmamar bhala li taghmel parti mill-kirja.

Ir-rikorrenti jghidu illi li l-kamra in kwistjoni kienet ilha fil-pussess taghhom sa mill-1975 (ara Dok D a fol 7). Din il-pretensjoni hekk kif dedotta ma tikkonvertix l-okkupazzjoni minn wahda minghajr titolu, ghal wahda b`titolu validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

L-intimat isostni, u gab prova (ara Dok JA2), illi l-kamra in kwistjoni kienet wahda minn tliet kmamar illi l-Gvern kien ta b`*encroachment* lill-*Farmers` (Wine) Co-Operative Society Ltd.* u dan b`effett mit-2 ta` Awissu

1976. Ma jirrizultax kif il-kamra ghaddiet minghand il-Koperattiva ghal ghand ir-rikorrenti. Fatt wiehed pero` huwa cert illi fit-30 ta` April 2008 (Dok C a fol 6) il-Koperattiva interpellat lir-rikorrent Pacifico Agius sabiex johrog mill-kamra u jaghti lura c-cwievet. Ghal dik it-talba, l-istess rikorrent wiegeb b`ittra tal-avukat tieghu tad-9 ta` Mejju 2008 (Dok D a fol 7) bil-pretensjoni illi l-kamra kienet taghmel parti mill-kirja tar-raba` tieghu, fatt illi *prima facie* ma jirrizultax.

Ir-rikorrenti qeghdin isostni illi ladarba l-intimat qed ighid illi l-kamra kienet tal-Koperattiva b`*encroachment* allura l-legittima kontradittrici taghhom kienet il-Koperattiva mhux il-Gvern. Li allura jfisser illi jekk jidhrilha li ghandha ragun il-Koperattiva kellha tittenta azzjoni gudizzjarja kontrihom skond il-ligi u mhux jintervjeni ghaliha l-intimat b`ordni ta` zgumbrament.

Din it-tesi tar-rikorrenti hija legalment insostenibbli. Ir-rikorrenti ma jistax jinvokaw jedd ghal *process gudizzjarju,* riferibbilment ghad-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta f`kaz iehor (ara Dok E a fol 8), meta l-argument kollu taghhom illi l-kamra taghmel parti mill-qbiela tar-raba` ma tirrizulta minn imkien ippruvata lanqas sal-grad ta` *prima facie.*

Anke jekk il-kmamar kienu qeghdin b`*encroachment* ghand il-Koperattiva, xejn ma jipprekludi lill-intimat milli jenforza Ordni ta` Zgumbrament kontra r-rikorrenti ladarba ma jirrizulta illi huma qeghdin jokkupaw minghajr titolu. L-**Art.3(1) tal-Kap.228** huwa car –

*Il-Kummissarju, jekk fil-fehma tieghu jkun hekk mehtieg jew spedjenti li jaghmel,, jista' fid-diskrezzjoni assoluta tieghu jordna l-izgumbrament ta'* ***kull*** *persuna minn kull art li tkun okkupata minn dik il-persuna* ***minghajr ebda titolu*** *jew li tkun moghtija b'encroachment* …(enfasi u sottolinear ta` din il-qorti).

Huwa ben evidenti li r-rekwiziti sabiex tintlaqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat huma stretti u l-qorti hija prekluza (***m`ghandhiex***) tordna l-hrug tal-Mandat jekk ma jkunux sodisfatti r-rekwiziti **kollha** stante li r-rekwiziti huma kumulattivi mhux alternattivi**.** Ghalhekk ladarba din il-Qorti hija tal-fehma illi r-rekwizit tal-jedd *prima facie* ma jirrizultax, ma hemmx lok illi tqis ir-rekwizit l-iehor tal-*isproporzjon fil-pregudizzju* illi jissemma fis-subinciz tlieta (3) tal-Art.873.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti –**

**Fl-ewwel lok, qeghda tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-5 ta` Gunju 2012 fejn kienet laqghet provizorjament t-talba tar-rikorrenti ; u**

**Fit-tieni lok, qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------